# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa numru 04 kontinwazzjoni ta' laqgħa 03

**5.00p.m 8 ta' Awwissu 2024**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku. |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Viċi Sindku Josef Azzopardi
Kunsillier Dominic Spencer

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa.

**04.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is-Sindku informa li Viċi Sindku Josef Azzopardi ma setax jattendi u Kunsillier Dominic Spencer kien informa li ser ikun imsiefer.

**04.9 Item: Attivitajiet ta' Sajf**

Paragrafu minuti 03.9 *Is-Sindku informa li xtaq jisma l-opinjonijiet tal-Kunsilliera dwar attivitajiet li jistaw issiru f' Sajf. Il-Kunsilliera qasmu diversi idjat ta' attivitajiet li jistaw issiru. Waqt din id-diskussjoni ġie rimarkat li hemm il-kwistjoni li Sajf qedin fl-aqwa tiegħu u ċertu attivitajiet wieħed irrid iħalli żmien biżżejed sabiex jorganizzhom. Tqajjem il-punt ta' il-baġit sabiex jitellaw dawn l-attivitajiet.*

*Ma kienx hemm deċizjoni fuq dan l-item u diskussjoni maret għal item 03.5.*

04.9.1 Waqt il-laqgħa numru 4 ġie deċiż li l-attivitajiet ta' sajf ser jiġu posposti għal sena ta' wara minħabba li kienx għad baqa żmien biżżejjed sabiex tiġi organizzata attivita. Ġie konkluz illi it-tournament ta'darts propost min Kunsillier Joseph Cachia issir. Il-Kunsill talab lil Kunsillier Cachia jinforma li Segretarju tal-klabb ta'darts jibgħat ittra formali lil Kunsill għal rikjest ta' kooperazzjoni.

**04.10 Item: Attivitajiet tal-milied**

Paragrafu minuti 3.10 *Is-sindku talab lil Kunsillier Dominic Spencer, responsabbli mill attivitajiet sabiex jispjega x'qed jiġi propost li jsir bħala attivitajiet tal-milied abazi tal-applikazzjoni li kien għamel il-Kunsill ma SPI. Il-Kunsillier spjega li huwa kien ħadem fuq din l-applikazzjoni li kienet tinkludi, Christmas Village, korsijiet tal-presepji u daq mil-Baned tal-Marsa. Huwa tenna li din l-applikazzjoni ntlaqet u il-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' 17,800 euro mis-somma ta' 32,000 euro. Skatat diskussjoni dwar jekk il-Kunsill huwiex qiegħed f'qada finanzjarja sabiex ikun jista' jagħmel tajjeb għad differenza.*

*Is-Sindku talab il-permess tal-Kunsill sabiex jiġi diskuss item 03.12 qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar il-finanzi marbuta mal-attivitajiet tal-Milied.*

*Il-Kunsill qabel.*

04.10.1 Is-Sindku informa li l-attivitajiet tal-Milied għandhom jiġu organizzati hekk kif pjanat fl-iskema li applika għalija il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel u approva l-attivitajiet proposti.

**04.11 Item: Installazzjoni ta' bozoz ġodda**

Is-Sindku informa li jħoss li hemm bżonn issiru bozoz bojod għaliex dawn juru iktar speċjalment fejn jkun hemm il-kameras. Il-Kunsillier Gloria Aquilina qalet li bozoz ta' triq issa qed issiru LEDs u bojod. Il-Kunsillier Joseph Scerri qal li issa qed issiru dawl intelliġenti u hemm proċeduri ta' kif jiġu installati l-streetlighting, ċertu dwal irridu jitwaħħlu skont il-pjanti ta' l-enemalta. Il-Kunsilliera tennew li l-aħjar li resident jibgħat talba lil Kunsill sabiex issir il-bozza u l-uffiċju japplika ma l-enemalta.

Il-Kunsill qabel ma dan il-proċess.

**04.12 Item: Installazzjoni ta' CCTV cameras ġodda**

Paragrafu min minuti 03.12 *Is-sindku beda jispjega dwar il-fatt li kien hemm bżonn tiġi indirizzata il-problema ta l-iskart illegali li qed jintefa madwar il-lokalita. Huwa tenna li jkun għaqli li flus jintefqu sabiex jiġu nstallati CCTV cameras ġodda. Il-kunsilliera qablu ma dan il-fatt u il-laqgħa maret għal diskussjoni.*
*Waqt id-diskussjoni kien hemm skambji ta'nuqqas ta' ftehim u il-laqgħa ġiet sospiza għal ġurnata oħra. Is-sindku nforma lil Kunsilliera li kien ser jibgħatilhom id-data iktar tard.*

04.12.1 Is-Sindku fakkar li fl-aħħar laqgħa kien informa li qed jitqassmu fuljetti ta' informazzjoni ġo djar rigward l-iskeda ta' ġbir ta'l-iskart. Il-fuljett huwa b' lingwi differenti sabiex jintlaħqu resident kollha. Huwa informa li sabiex jitnaqqsu l-abbuzi ta'rimi ta'skart illegali qed jiġi propost li jitwaħħlu 5 cctv cameras, żewġ CCTVs il-kunsill preċedenti kien daħal applikazzjoni ma l-enemalta sabiex ikun installat meter ta' dawl u tlieta oħra ser jinxtraw wara li toħroġ sejħa u nefqa se tkun sa 5,000 euro. Is-supply ta' dawl u l-internet se jintalab permess mingħand entitajiet fejn ser jitwaħħlu. In-negozju jew entita li se tisupplixi dawl u l-internet ser tkun qed tgawdi min din l-istallazzjoni. Iż-żoni li ser ikunu installati il-kameras huma Fishermans Street, Assunta Street, Marsa Rd u Ġnien Belveder. Il- Kunsillier Joseph Scerri qal li ser jagħti is-sehem tiegħu biex ikellem entitajiet li kien jaf huwa. Wara dan il-proċess il-kunsill jikteb lil dawn entitajiet b'modd formali. Irridu jinxtraw l-arbli ukoll sabiex jitwaħħlu il-kameras fejn ma hemmx aċċess.

Kien hemm qbil unanimu.

**04.13 Item: Isem ta' Triq**

Is-Sindku stiden lil Kunsillier Gloria Aquilina sabiex titkellem fuq suġġet li talbet sabiex jiġi diskuss. Hija infurmat li sid ta' garaxx f'zona ta' Alberttown staqsa li jkollom isem ta'triq minħabba li jkollu deliveries u jkollu diffikulta biex issibu il-garaxx tiegħu. Hija staqsiet jekk qadtx kien hemm deċiżjoni fil-Kunsill peress li dan il-persuna kien informa li diġa għamel rikjest. Il-Kunsillier Joseph Scerri qal li ma kienx jiftakkar jekk kienx hemm deċizjoni.
Il-Kunsill qabel li l-uffiċċju jikteb li door numbering unit ħalli issir verifika u jekk hemm il-bzonn il-kunsill jipproponi ismijiet ta' toroq.

**04.14 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm

**04.15 Tmiem tal-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-18.30pm.

| | |
|---|---|
| Luke Farrugia | Mariella Strout |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*